## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' LULJU 2001

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1571/00AE**

**Grima Communications Ltd**

**vs**

**Anton Cutajar u b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta' Dicembru 2000 giet imsejha fil-kawza s-socjeta Rea Ceramics Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba ghall-hlas ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm183.31), hlas ghall-xiri ta' pakkett ta' reklami minghand is-socjeta attrici li fuqhom baqa' x'jithallas is-somma msemmija, u li minkejja li gie nterpellat ghall-hlas baqa' ma hallasx.

Ra li l-konvenut ipprezenta risposta fis-sens li ma huwiex il-legittimu kontradittur peress li qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u ghalhekk m'huwiex debitur tas-socjeta attrici.

Ra d-digriet tat-3 ta' Mejju 2001 li permezz tieghu, fuq talba tas-socjeta attrici, it-Tribunal ordna li tissejjah fil-kawza l-kumpannija Rea Ceramics Ltd.

Ra li l-kumpannija Rea Ceramics Ltd debitament notifikata fil-15 ta' Mejju 2001 baqghet ma pprezentatx risposta.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2001 li permezz taghha s-socjeta attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u l-kawza thalliet ghas-seduta tas-27 ta' Lulju 2001 ghall-provi kollha tal-konvenuti u ta' l-imsejha fil-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Lulju 2001 minn fejn jirrizulta li l-konvenut u l-imsejha fil-kawza naqsu milli jidhru u l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Illi mix-xhieda moghtija mill-avukat Dr. Lynn Zahra fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2001, jirrizulta li l-konvenuti kien ghamel ordni ghax-xandir ta' reklami fuq l-istazzjon tar-radju Live FM. Kopja ta' din l-ordni hija ezebita bhala Dok. LZ1. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-ordni giet iffirmata mill-konvenut Anton Cutajar. Ix-xhud iddikjarat: *"il-kuntratt gie ffirmat mill-konvenut personalment, ghalkemm hemm indikata d-ditta Rea Ceramics"*. Mill-atti m'hemmx provi li d-dejn huwa tal-kumpannija Rea Ceramics Ltd u li l-konvenut kien qieghed jikkuntratta ghan-nom u in rapprezentanza ta' socjeta li ghandha personalita guridika indipendenti u distinta mill-persuni li jikkomponuha.

2. Illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2001 l-avukat Dr. Lynn Zahra kkonfermat bil-gurament li sa dakinhar l-ammont mitlub kien ghadu ma thallasx.

3. Illi da parti tieghu l-konvenut naqas milli jressaq provi, filwaqt li s-socjeta kjamata fil-kawza ma pprezentatx risposta. Skond l-Artikolu 13 tal-Kap. 380 f'kaz li l-konvenut jonqos milli jidher ghas-seduta, it-Tribunal ghandu jisma' u jiddecidi l-kawza fl-assenza tieghu. Dan apparti l-procedura kkontemplata fl-Artikolu 9 tal-Kap. 380 ghas-smiegh ta' kawzi quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba, filwaqt li jillibera lis-socjeta kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri (eskluzi d-dritt ta' l-avukat u/jew tal-prokuratur legali u dan ghat-tenur ta' l-Artikolu 10(2) tal-Kap. 380).

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**